# Kunsill Lokali Il-Gżira

283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A27-14

30 t' April 2014

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/27**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **l-Erbgħa 7 ta' Mejju 2014 fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet tal-*Live Streaming*
6. L-Attivitajiet ta' Jum il-Gżira
7. Affarijiet Oħra
8. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**7 ta' Mejju 2014**

**Seduta Nru: 26 - KUNSILL LOKALI GŻIRA**

Minuti tal-laqgħa li saret it-Tnejn 21 t' April 2014 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

**Is-Sinjuri:**

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Joe Camilleri, Charles Micallef St. John u J.M. Muscat flimkien ma' l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attendiet għal parti mill-laqgħa l-*Accountant* tal-Kunsill Ms Johanna Caruana

**Skużati:**

Il-Kunsillieri Vincenza Attard minħabba mpenn ieħor u Victor Rutter minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-14 t' April 2014

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Numru 26 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

**1.1** Iċ-*Chairman* talab sospenzjoni tal-laqgħqa u tiġi diskussa *item* Nru: 5 ta' l-Agenda minħabba li kienet preżenti l-*Accountant* tal-Kunsill.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' l-*Audited Financial Statements***

**5.1** Tqassmet kopja ta' l-*Audited Financial Statements January – December 2013* lill-membri preżenti.

L-*Accountant* spjegat fid-dettal l-aġġustamenti li saru mill-Awdituri u wara li twieġbu xi mistoqsijiet u ngħataw xi kjarifiki lill-Kunsill, l-*audited financial statements January/December 2013* ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Ġie ppreżentat u diskuss il-*Budget* (Estimi 2014) fejn fost affarijiet oħra l-Kunsill ġie nfurmat li l-qagħda finanzjarja kienet favorevoli. Wara li twieġbu xi mistoqsijiet u ngħataw xi kjarifiki l-*budget* ġie approvat unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**2. Materji Konnessi**

**2.1 Paġna Nru: 2 para 2.1 –** Il-Viċi-Sindku staqsa jekk saritx it-talba għall-fondi li kienu ntefqu għall-*embellishment* tal-ġnien.

Iċ-*Chairman* informa li din it-talba ma saritx minħabba l-fatt li fil-preżent mhux qed isiru laqgħat mal-Ministru konċernat.

**2.3** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John informa li kellu laqgħa mal-Viċi-Sindku u ma' l-assistent prinċipal tal-Kunsill Fabian Borg sabiex jiġu organizzati attivitajiet għall-Jum il-Gżira bħal esebizzjoni ta' pitturi, esebizzjoni ta' artiġjanat u tal-*crafts club.* Dettalji jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John telaq fis-6.15 minħabba mpenn ieħor.

**2.4 Paġna Nru: 3 para 3.4 –** Il-Kunsillier J.M. Muscat ta' rendikont tal-laqgħa li kellu dwar il-*Foundation for Educational Services* u qal li dan ċ-*Child Care Centre* ser ikun fl-iskola tal-Gvern u diġa qassam formoli ta' applikazzjonijiet għal dawk interessati.

**3. Korrispondenza**

Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-21 t' April 2014 kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

**3.1** Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom

**3.2** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-manutenzjoni tal-*platform lift* li hemm installat fl-*Active Ageing Centre* kienet saret mid-ditta *Steve Engineering Ltd* għall-ammont ta' €400 VAT inkluża, kien jonqos li jinħareġ iċ-ċertifikat ta' l-*Engineer* li jammonta €70.80.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' l-infieq sopracitat u li għandu jsir *maintenance agreement* b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**3.3** Iċ-*Chairman* qal li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand id-ditta *TCTC* dwar *I-KIDS Minions computer course.* Huwa kompla jgħid li din is-sena dan il-kors mhux ser ikun sponsorjat bħas-sena preċedenti iżda jitħallas l-ammont ta' €1150.00 li jkopri 85 (ħamsa u tmenin) tfal minn 4 sa 10 snin.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat li dan il-kors isir u għan-nefqa sopracitata.

**3.4** Il-Kunsill ġie nfurmat li fit-8 t'April 2014 fis-2.30 p.m. ġie organizzat *Community Event* minn l-*HSBC Bank Malta plc* Gżira fil-*Public Library.* Hadu sehem madwar għaxar impjegati li għenew biex reorganizzaw il-librerija, ksew kotba u għamlu dak kollu neċessarju. Ngħatat ukoll donazzjoni ta' €200 f'kotba għall-librerija. .

Iċ-*Chairman* qal li ttieħdu xi ritratti sabiex dan l-*event* jiġi ppubblikat fl-Impenn.

**3.5** Tressqet talba minn resident dwar il-possibbilta' li ssir *MC base* fil-viċinanza ta' Nru: 60 Triq Edgar Bernard. .

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Joe Camilleri jagħmel *site inspection* u jirraporta lura lill-Kunsill.

**3.6** Tressqet talba akkumpanjata minn pjanti u rapport tal-Perit mis-Sur Jeremy Borg Grech sabiex jiġi armat *tower crane* fi Triq San Albert upper.

Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għal din it-talba diment li l-kuntrattur ikun konformi mal-liġijiet applikabbli jew ordnijiet ta' Awtorita' leġittima skont il-każ.

Ġie deċiż li l-Kunsillier Joseph Camilleri għandu jkun inkarigat mis-sorveljanza tax-xogħlijiet.

**3.7** Il-Kunsill approva unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku mal-kwotazzjoni Nru: RS/MQL/1494b (*revised*) għall-ammont ta' €431.00 mibgħuta mid-ditta *M Quipp Co Ltd* għall-ħsarat u manutenzjoni tal-*playing field* kif ukoll għall-ammont ta' €35 għall-ħsarat ta' l-i*spring rider*.

**3.8** Il-Kunsillier J.M. Muscat informa li kien ser jattendi l-*information session* dwar il-*Life Long Learning* li kienet ser issir fil-Kunsill Lokali tal-Mosta, l-Erbgħa 30 t'April 2014 mis-2.00 p.m. sa 4.00 p.m.

**3.9** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet**

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/26 minn numru 1143 sa 1175 (*appendix* nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda *sopracitata* b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**6. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' l-Attivitajiet ta' Jum il-Gżira**

**6.1** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-attivitajiet għall-Jum il-Gżira kienu ser jiġu organizzati kif ġej:

It-Tnejn 5 ta' Mejju 2014

Il-ftuħ tal-kompetizzjoni *American Pool* fil-Każin tal-Banda Mount Carmel

Il-Ħamis 8 ta' Mejju 2014

7.30 p.m. Sala tal-Komunita' – Kunsill Lokali - Ftuħ ta' wirja ta' l-Arti minn l-artisti, Vivienne Scicluna, Kurt Friggieri, Winston Attard u Joe Galea.

L-inawgurazzjoni ser issir mill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali – l-Onor Dott Owen Bonnici. Wara jkun hemm riċeviment żgħir.

Il-Ħamis 15 ta' Mejju 2014

09.30 a.m. – Librerija Pubblika – Story telling mill-awtriċi Nathalie Portelli
għal madwar 28 tfal ta' year 1

7.00 p.m. Quddiesa ta' ringrazzjament li għaliha ser ikun mistieden is-Segretarju Parlamentari Dott Stefan Buontempo, l-membri tal-Kunsill inkluż l-i*staff* u l-ħaddiema, il-President u s-Segretarju ta' l-Għaqdiet tal-lokalita', ex Sindki u Kunsilliera

Il-Ġimgħa 16 ta' Mejju 2014

7.00 p.m. Ftuħ tas-Sala ta' l-Arti u Kultura fis-*Savoy Gardens* li ser tiġi nawgurata mis-Segretarju Parlamentari Dott Stefan Buontempo. Ser tiġi nawgurata wkoll, esebizzjoni tat-tpinġija tat-tfal ta' l-iskola Sta Monica, Kulleġġ Stella Maris u Kulleġġ Sta Chiara tal-Gżira, wirja ta' xogħol artiġjanat minn residenti Gżirjani kif ukoll wirja ta' xogħlijiet tal-*crafts* magħmula minn residenti li jattendu l-*Crafts Club* fi ħdan il-Kunsill Lokali.

Is-Sibt 17 ta' Mejju 2014

8.00 p.m. Premjazzjoni tal-kompetizzjoni *American Pool* fil-Każin tal-Banda Mount Carmel

Il-Ħadd 18 ta' Mejju 2014

08.00 a.m. *Football Tournament* fil-*football pitch* tal-Kulleġġ Santa Chiara – Skola Sekondarja Gżira.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John għas-segwenti spejjeż:

1st– 2nd – 3rd *Prize trophies and Challenge Cup with engraving – Competition American Pool* €90.

150 Certificates to be given to all participants - €60

20 Mdina glass paper weights

Il-*Gżira United Football Club* ser jieħu ħsieb il-*mementos* għat-t*ournament tal-football*.

Ser isiru wkoll żewġ riċevimenti, fit-8 ta' Mejju 2014 (finger food) u fis-16 ta' Mejju 2014.

### 7. Affarijiet Oħra

#### 7.1 *Tender GLCT001/2014 – Asphalting Works Triq Manoel de Vilhena*

Matul id-diskussjoni li saret dwar is-suġġett sopracitat, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Viċi-Sindku li l-avviżi għall-ħruġ tat-tender għandhom jiġu ppubblikati sa nhar il-Ġimgħa 25 t'April 2014 kemm fil-gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-ġurnali ta' kuljum.

**7.2** Il-Kunsillier Joe Camilleri staqsa dwar x'progress kien sar dwar il- vakanza tas-Segretarju Eżekuttiv.

Iċ-*Chairman* wieġeb li l-Kunsill kien irċieva żewġ applikazzjonijiet li kienu:

Is-Sna Margaret Psaila

Is-Sur Abraham James Cassar

Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li jsir kuntatt ma' dawn iż-żewġ applikanti sabiex l-*interviews* isiru t-Tnejn 28 t'April 2014 bejn it-3.30 p.m. u 4.00 p.m.u s-*Selection Board* ikun magħmul miċ-*Chairman*, il-Kunsillieri Charles Micallef St John u Joe Camilleri flimkien ma' l-A/Segretarju Eżekuttiv.

**8. Laqgħa Oħra**

**8.1**. Il-laqgħa ntemmet fis-7.15 p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 7 ta' Mejju 2014 fil-5.00 p.m.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
A/Segretarju Eżekuttiv

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **KLG6/27**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/27 - 07.05.2014 **Data:** **22.04.2014 - 07.05.2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | P.B.S. | € 17.70 | € 17.70 | D | Advert Locality Call | 02.04.2014 | 21200 | 1176 | | | |
| 2 | Media Link Comm. | € 54.75 | € 54.75 | D | Advert - Locality Call 07.04.2014 | 15.04.2014 | 054199 | 1177 | | | |
| 3 | IBIS Group Ltd | € 295.00 | € 295.00 | D | Repairs on Dell Poweredge R200 | 31.03.2014 | 111 | 1178 | | | |
| 4 | M Quip Co. Ltd | € 472.30 | € 472.30 | Q | Maint & Repairs Playing Field - Ġnien | 11.04.2014 | 23209 | 1179 | | | |
| 5 | TACC Trading Co. Ltd | € 100.00 | € 100.00 | D | Electrical appliances - Savoy Gardens | 25.04.2014 | 01906 | 1180 | | | |
| 6 | Squire Book Shop | € 59.65 | € 59.65 | D | Stationery | 25.04.2014 | 09663 | 1181 | | | |
| 7 | MaltaPost | € 52.00 | € 52.00 | D | Postage Stamps - Adm Office | 29.04.2014 | | 1182 | | | |
| 8 | EcoPure Ltd | € 4.25 | € 4.25 | D | Consumables Adm Office | 28.04.2014 | 571398 | 1183 | | | |
| 9 | Allied Newspapers Ltd | € 94.75 | € 94.75 | D | Advert GLCT001/2014 Manoel de Vilhena | 25.04.2014 | AS1566698 | 1184 | | | |
| 10 | ARMS Ltd | € 613.06 | € 613.06 | D | Gżira Gardens 20.11.13 - 20.02.2014 | 23.04.2014 | 18492086 | 1185 | | | |
| 11 | ARMS Ltd | € 332.47 | € 332.47 | D | Promenade Grdns 20.11.13 - 20.02.2014 | 23.04.2014 | 18492087 | 1186 | | | |
| 12 | Image Systems Ltd | € 58.32 | € 58.32 | Q | Rental photocopier 28.02.14 - 31.03.2014 | 31.03.2014 | Rent/086758 | 1187 | | | |
| 13 | Image Systems Ltd | € 146.71 | € 146.71 | Q | Rental photocopier 28.02.14 - 31.03.2014 | 31.03.2014 | Rent/086759 | 1187 | | | |
| 14 | Melita plc | € 212.55 | € 212.55 | D | Usage & Internet 08.04.2014 - 07.05.2014 | 08.04.2014 | 35802289 | 1188 | | | |
| 15 | Neville's Printing Palace | € 60.00 | € 60.00 | Q | 150 Certificates - Jum il-Gżira | 25.04.2014 | 00856 | 1189 | | | |
| 16 | J.F. Mallia Ltd | € 444.00 | € 444.00 | D | Maintenance Street Lighting | 18.04.2014 | 1075 | 1190 | | | |
| 17 | Department of Information | € 9.32 | € 9.32 | D | Advert GLCT001/2014 Manoel de Vilhena | 30.04.2014 | | 1191 | | | 8881 |
| 18 | Squire Book Shop | € 80.13 | € 80.13 | D | Newspapers for the month of April 2014 | 03.05.2014 | 178 | 1192 | | | |
| 19 | Squire Book Shop | € 125.11 | € 125.11 | D | Stationery | 31.03.2014 | 09661 | 1193 | | | |
| 20 | Horace Enterprises Ltd | € 90.00 | € 90.00 | D | Attivita' Jum il-Gżira | 05.05.2014 | 6176 | 1194 | | | |
| | Sub Total c/f | **€ 3,322.07** | **€ 3,322.07** | | | | | | | | |
| | Total | **€ 3,322.07** | **€ 3,322.07** | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

# Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/27 - 07.05.2014 **Data:** 22.04.2014 - 07.05.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Media Link Comm. | € 68.44 | € 68.44 | D | Adv Tender GLCT001/2014 Asfalt Manoel de Vilhena | 30.04.2014 | 054338 | 1195 | | | |
| 22 | Env. L/Scapes Cons. | € 2,214.29 | € 2,214.29 | T | Maint of Soft Areas for the month of April 2014 | 30.04.2014 | 010624 | 1196 | | | |
| 23 | Dept of Information | € 9.32 | € 9.32 | D | Adv Gov Gazz Locality Call 07.04.2014 | 01.04.2014 | | 1197 | | | |
| 24 | Dept of Information | € 9.32 | € 9.32 | Q | Adv Gov Gazz Live Streaming GLCQ001/2014 | 01.04..2014 | | 1198 | | | |
| 25 | Dept of Information | | | | **CANCELLED** | | | 1199 | | | |
| 26 | Sliema Plumbing Centre | € 139.60 | € 139.60 | D | Electrical fixtures - Savoy Gardens | 03.05.2014 | 1577 | 1200 | | | |
| 27 | Polidano Bros Ltd | € 2,360.00 | € 2,360.00 | T | Traffic Calming Measure in Stuart Street | 05.05.2014 | 150059 | 1201 | | | |
| 28 | SRF Cleaning Services | € 4,588.85 | € 4,588.85 | T | S/Sweeping & Grass Cutting February 2014 | | 14/3222 | 1202 | | | |
| 29 | SRF Cleaning Services | € 378.52 | € 378.52 | T | Street Sweeping on Sundays - February 2014 | | 14/3223 | 1203 | | | |
| 30 | SRF Cleaning Services | € 4,588.85 | € 4,588.85 | T | S/Sweeping & Grass Cutting March 2014 | | 14/3241 | 1204 | | | |
| 31 | SRF Cleaning Services | € 378.52 | € 378.52 | T | Street Sweeping on Sundays - March 2014 | | 14/3242 | 1205 | | | |
| 32 | SRF Cleaning Services | € 4,588.85 | € 4,588.85 | T | S/Sweeping & Grass Cutting April 2014 | | 14/3264 | 1206 | | | |
| 33 | SRF Cleaning Services | € 378.52 | € 378.52 | T | Street Sweeping on Sundays - April 2014 | | 14/3265 | 1207 | | | |
| 34 | MaltaPost plc | € 70.88 | € 70.88 | D | Distribution - Impenn | 06.05.2014 | Gzira LC8 | 1208 | | | |
| 35 | | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | |

| | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas |
|---|---|---|
| Sub Total c/f | **€ 19,773.96** | **€ 19,773.96** |
| Sub Total b/f | **€ 3,322.07** | **€ 3,322.07** |
| Total | **€ 23,096.03** | **€ 23,096.03** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier